MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 25/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Paul Cachia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-12.09.2001 mal-wasla tieghu f'dawn il-Gzejjer minn Tunez, permezz tal-bastiment MV "Serenade" bil-hsieb li jiffroda l-Gvern, xjentement attenta jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovut u/jew xi Ligi jew limitazzjoni dwar l-importazzjoni, ghamel dikjarazzjoni jew ta informazzjoni li bid-dehen tieghu kienet falza f'dettal sostanzjali, billi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll

tieghu numru ta’ ghasafar tal-ghana aktar milli fil-fatt iddikjara lill-ufficjali tad-Dwana, liema importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom il-valur ta’ LM420.00,0 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-LM63.00,0, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60(k); l-Artikolu 62(a)(b)(k)(n) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII-1998);
2) fl-istess data, lok u cirkostanzi importa karkassi ta’ ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, meta ma giex ippruvat li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw, jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta' l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata. Dan bi ksur tar-Regolament 12 (3) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993;
3) fl-istess data, hin, post u cirkostanzi zamm jew qafel ghasfur f’gagga jew recipjent iehor li ma kienx kbir bizzejjed biex l-ghasfur ikun jista’ jiftah gwenhajh b’mod hieles u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Art. 16(a);
4) fl-istess data, hin, post u cirkostanzi importa l-istess speci mhux kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagg;
5) naqas li jzomm kull licenzja, permess jew certifikat sakemm dawk l-ispeci kienu taht il-kontroll tieghu u dan bi ksur ta’ A.L. 19/1992 Art. 7(3) u 8;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Frar, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 60(k), 62 (a)(b)(k)(n) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII-1998), sabet lill-imputat hati ta’ l-akkuzi fuq imsemmija w ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta’ disa’ mija w hamsin lira Maltin (LM950) u ordnat l-konfiska ta’ l-ghasafar u gaggeg, kif ukoll ipprojbiet lill-imputat milli jottjeni xi licenzja ta’ importazzjoni ghall-perjodu ta’ zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Frar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar s-sentenza fejn l-appellant gie multat komplessivament LM950 u tilliberah minn kull htija w piena u fin-nuqqas

tbiddel is-sentenza billi ssibu hati biss ta’ l-imputazzjoni fejn huwa gie akkuzat talli fit-12 ta’ Settembru 2001 zamm jew qafel ghasfur f’gagga jew recipjent iehor li ma kienx kbir bizzejjed biex l-ghasfur ikun jista jiftah gwenhajh b’mod hieles u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Artikolu 16(a).

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ : - 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti kif gew ipprezentati fil-Qorti ; 2. li ma saritx prova li l-appellant xjentement ittanta jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mixjud (VAT) u dik tad-Dwana meta huwa stess mar bl-ghasafar kollha w ddikjarhom . Il-fatt li hu gie mistoqsi n-numru w ma kienx ezatt ,ma jfissirx li huwa ried jevadi d-dazju la darba kienu qed jigu kollha dikjarati “en bloc” u kienu kollha vizibbli ; 3. li minghajr pregudizzju l-Ewwel Qorti kellha tezenta lill-appellant milli ssibu hati fuq dawk l-ghasafar ta’ l-inqas dikjarati bhala numru u cioe’ sebghin (70) u mhux issibu hati ukoll ta’ dawn , meta dawn bhala numru gew lkoll dikjarati ; 4. li huwa qatt ma seta’ jigi misjub hati li importa speci kif mitlub fil-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fauna u Flora Selvagg meta dawn l-ghasafar gew dikjarati fid-Dwana w ma gewx importati ‘l barra mid-Dwana; 5. l-istess aggravju japplika ghas-sejbin ta’ htija li hu importa karkassi , hajjin jew mejtin bi ksur tal-A.L. 146 ta’ l-1993 , meta l-istess dawn gew dikjarati “at point of entry” lid-Dwana stess. Hemm aggravji ohra li ghalkemm gew numerati separatament , jistghu jigu konsidrati bhala nkluzi fl-aggravvji fuq imsemmija ;

Fliet l-atti processwali inkluzi d-dokumenti esebiti w x-xiehda traskritti ;

Semghet it-trattazzjoni waqt l-udjenza tal-5 ta’ Gunju, 2003,

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn , ghalkemm l-appellant ma adduca ebda aggravju dwar dan , din il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza ccitat biss l-artikoli tal-ligi

taht il-Kap. 37 u taht l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud li jirrigwardaw biss is-sejbien ta’ htija tal-ewwel imputazzjoni w dana ghalkemm kienet sabet htija wkoll taht l-erba imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra l-appellant li jaqghu taht ligijiet ohrajn . Issa dan dan in-nuqqas jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi indikat fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali . Dan l-artikolu jiddisponi li l-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat , ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati , taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Illi ghalkemm dan sar fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni , ma sarx fir-rigward tal-erba imputazzjonijiet l-ohra.

Illi , kif dejjem gie ritenut , in-nuqqas t’ osservanza ta’ dak li hemm provvdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali w indubbjament dan in-nuqqas tal-Ewwel Qorti jgib in-nullita’ tas-sentenza appellata w jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess fuq il-mertu , meta ssib li tkun inkisret jew li ma saritx xi formalita’ li trid il-ligi taht piena ta’ nullita’ jew li tkun xort’ ohra sostanzjali a tenur tal-artikolu 428 (3) tal-istess Kodici Kriminali. (Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Mario Agius” [3.2.1995] u ohrajn )

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tannulla s-sentenza appellata w tiddeciedi l-kaz fuq il-mertu billi x-xiehda fil-process huma kollha traskritti u ser tiehu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha li ressaq l-appellant biex isostni l-aggravji tieghu mis-sentenza appellata w, kemm jista’ jkun, timxi fl-ordni tal-imsemmija aggravji, biex b’hekk tkun ikkonsidrat il-punti kollha sollevati mid-difiza .

Illi dan il-kaz nibet meta fit-12 ta’ Settembru, 2001 , l-appellant li kien wasal lura minn vjegg fit-Tunisija bil-bahar , nizzel mieghu ghadd ta’ ghasafar go erba gageg u make-up bag u meta ddikjarhom lid-Dwana, ddikjara li kellu biss sebghin ghasfur meta fil-fatt meta dawn gew maghduda , instab li kien hemm mija w erba’ w tletin ghasfur , li ftit minnhom kienu mejtin.Il-kejl tal-erba gageg kien ta’ 25 il-centimetru X 37 centimetru u 7 centimetri .

Tad-Dwana giethom diffikolta' ghax l-appellant ma kellux import licence jew permessi biex jimporta tali ghasafar u talbu l-assistenza tad-Dipartiment tal-Ambjent li kkonferma li kien hemm bzonn tali permess. L-appellant ma kellu ebda document fuqu bhal licenzja , permess jew certifikat li jawtorizzawh li jkollu fil-kontroll tieghu dawn l-ghasafar  jew li bihom seta' jipprova li l-karkassi (prezumibilment tal-ghasafar mejtin) kienu ta' ghasafar imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw jew li mhumiex protetti fil-pajjiz tal-origini taghhom jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata. Ghal kuntrarju gie esebit certifikat (Dok. SG1 a fol. 11 tal-process) rilaxxjat mill-Ambaxxjata Tunizina f' Malta li jghid (bil-lingwa Franciza) li skond il-Ministeru tal-Agrikoltura Tunizin li l-ligi tat-Tunisia tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' fawna selvaggja u partikolarment ta' ghasafar tal-ispeci tal-fringwilli , hlief bl-awtorizzazzjoni specjali tad-Direttur Generali tal-Foresti . L-appellant jammetti li ma kellux permess u lil tad-Dwana qalilhom li ma kienx jaf li kellu bzonn permess . Hu ma kienx ta kaz partikolari ghall-permessi , peress illi fuq il-vapur kien hemm hafna li xtraw ghasafar u ma kienx jaf li l-permess kien mehtieg u hu ghamel bhalhom. (Fols. 28 u 29 tal-process)

Illi anki kif jidher mir-rikors tal-appell tieghu l-appellant mhux qed jikkontesta l-imputazzjoni li hu zamm l-istess ghasafar f' gagga jew recipjent iehor li ma kienx bizzejed kbir biex l-ghasfur ikun jista' jiftah gwinhajh b'mod hieles u di fatti il-qisien tal-gageg indikati a fol. 13 tal-process huma ghall-inqas f' uhud mid-dimensjonijiet taghhom inqas minn dawk preskritti fl-artikolu 16 (a) tal-Avviz Legali 146 tal-1993 u f ' dawn il-gageg ma kienx hemm ghasfur wiehed imma kwantita' li  tvarja bejn 28 ghasfur sa 45 ghasfur f'kull gagga.

Ghalhekk bhala fatti l-akkuzi kollha jirrizultaw “prima facie” . Pero' l-appellant ghamel numru ta' sottomissjonijiet  fir-rikors tal-appell tieghu taht forma ta' aggravvji mis-sentenza appellata li din il-Qorti trid u ser tiehu in konsiderazzjoni meta ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-mertu .

Illi l-appellant jikkontendi li ladarba huwa mar quddiem tad-Dwana w meta gie mistoqsi biex jiddikjara x'kien qed idahhal Malta, hu wiegeb mall-ewwel li kien qed idahhal ghasafar , ma jistax jinstab hati li pprova jevadi id-dazju jew it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud . Il-Prosekuzzjoni pero' ssostni li ghalkemm wiehed jista' ma jkunx ghal kollox preciz meta jigi biex jindika n-numru, mill-banda l-ohra, l-fatt li l-appellant indika kwazi n-nofs tal-kwantita' ta' ghasafar li kellu, jindika li kien ghamel dikjarazzjoni falza w li dan sar bil-ghan li jigi evaz id-dazju jew Vat .

Illi l-ligi tad-Dwana (Kap.37) tikkontempla dan il-kaz fl-artikolu 61 (1) fejn jinghid li meta fiz-zmien tal-ezami minn ufficjal tad-Dwana xi oggetti jkunu jinsabu fi kwantita' akbar minn, jew differenti minn , dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-agent tieghu, f'dak il-kaz l-oggetti li jinstabu zejda jew dawk l-oggetti differenti ghandhom jigu konfiskati w din il-konfiska tkun bla hsara ghal kull azzjoni li tista' tittiehed kontra l-importatur skond xi dispozizzjoni ohra tal-ligi. Umbaghad is-sub-artikolu (2) ikompli jghid li d-dispozizzjonijiet ta' s-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx jghoddu meta l-awtorita' kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun grat minnhabba fi "zball genwin".

L-Ewwel Qorti meta sabitu hati ta' din l-imputazzjoni , immotivat id-decizjoni taghha billi qalet li ghalkemm "ma hemmx ghalfejn l-ammont ikun ezatt . Pero' ma jridx ikun il boghod mill-verita'. L-imputat iddikjara biss sebghin (70) ghasfur , meta fil-fatt kellu d-doppju . U hawnhekk il-Qorti ma tistax titfa' d-dubbju favur l-akkuzat illi forsi ma kienx jaf ezatt kemm kellu ghasafar . Id-differenza hija kbira wisq biex tigi injorata." Din il-Qorti taqbel ma dan l-apprezzament ta' fatt u zgur li ma tarax li hu verosimili li xi hadd li jiehu l-briga li joqghod imur Tunes biex jimporta tant ghasafar li f' Malta igibu prezz mhux zghir fis-suq, jiehu zball ta' 50% tal-kwantita' li huwa jkun xtara. Hu ovvju li l-appellant ipprova "jilghaba tal-hmar biex ma jhallasx Dwana" kif jghid il-qawl Malti w din l-ispjegazzjoni

bl-ebda mod ma tikkonvinci lil din il-Qorti lanqas sal-grad tal-probabbli.

L-argument tad-difiza li ma setghetx tinstab htija ta' evazjoni tad-Dwana ghax l-ghasafar kienu kollha vizibbli ftit li xejn hu sostjenibbli meta wiehed iqis il-mod kif l-ghasafar in kwistjoni kienu ppakkjati qieshom sardin go erba gageg zghar , tminja w ghoxrin f'kull wada minn zewg gageg, tletin f'gagga u hamsa w erbghin f' gagga ohra. Bl-ghasafar – ghallinqas dawk li baqghu hajjin – jiccaqilqu w jduru fuq xulxin, ma kienx facli ghall-ufficjali tad-Dwana li "ictu oculi" jghodduhom mad-daqqa t'ghajn , jekk ma johorguhomx mill-gageg wiehed, wiehed . Jidher li l-appellant kien qed jispera li dawn joqghodu fuq il-kelma tieghu u ma jghodduhomx u b'hekk jiffranka kwazi nofs id-dazju dovut .

L-argument tad-difiza li l-appellant ma kellux ix-xjenza li qed jahrab xi taxxa ghax hu mall-ewwel mar jiddikjara l-ghasafar li kellu f'idejh jista' japplika biss ghall-ghasafar li ddikjara w mhux ukoll ghal dawk , kwazi nofs iehor li ma ddikjarax . Ta' dawn ma saritx dikjarazzjoni w dan meta din il-Qorti temmen u thoss li l-appellant kien jaf sew kemm qed jipprova jimporta ghasafar u ma setax kien qed jiehu zball genwin bil-mod kif hu ghamel "under-declaration" ta' hamsin fil-mija (50%) .

Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant kien ittanta jevadi d-dazju u/jew VAT bid-dikjarazzjoni monka li hu kien ghamel u li din id-dikjarazzjoni inveritjiera kienet saret xjentement minnu. Dan kien jammonta ghal tentattiv ta'evazjoni frawdolenti ta' xi dazju tad-Dwana w ma kienx kaz ta' "zball genwin" .

Id-difiza pero targumenta ukoll li anki jekk l-appellant kellu jinstab hati ta' dikjarazzjoni falza lid-dwana, m' ghandux jigi penalizzat fuq il-kwantita' li hu kien iddikjara, imma biss fuq in-numru ta' ghasafar li ma kienx iddikjara. F'dan l-ilment l-appellant jidher li ghandu ragun u dan johrog b'implikazzjoni mid-dicitura tal-artikolu 61 fuq citat fejn il-ligi ma tghidx li ghandha tigi konfiskata l-kwantita' kollha imma biss l-oggetti li jinstabu zejda jew differenti .

Ghalkemm l-Ewwel Qorti tat piena komplessiva ghar-reati kollha li taghhom sabet htija w ma giex specifikat kemm hija l-multa ghall-htija riskontrata taht l-artikoli tal-Kap.37 u l-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kemm kienet il-multa ghal htija riskontrata fuq l-erba imputazzjonijiet l-ohra , dan necessarjament suppost li jittiehed in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena w ser jitqies minn din il-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena aktar ‘l isfel f’ din is-sentenza.

Illi l-ahhar zewg sottomissjonijiet tal-appellant huma li hu ma setax jinstab hati li importa l-ghasafar ta’speci kif mitlub fil-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagg u li importa karkassi ta’ ghasafar hajjin jew mejtin meta ma giex ippruvat li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw jew li mhumiex protetti fil-pajjiz tal-origini taghhom jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata , ghax hu iddikjarhom “at the point of entry” , anki kieku kienu fondati , jistghu japplikaw biss ghan-numru ta’ ghasafar li hu kien effettivament iddikjara u zgur li ma jistax ikopri dak in-numru li ma giex dikjarat . Pero’ apparti din il-konsiderazzjoni, fil-kaz tal-ghasafar kollha , anki qabel ma l-appellant kien mar jiiddikjarhom id-dwana , dawn effettivament kienu gja fil-pussess tieghu fuq it-territorju Malti ghal xi hin , wara li nizlu mill-vapur u sakemm hu resaq fuq l-ufficcjali tad-Dwana biex jaghmel id-dikjarazzjoni monka li spicca ghamel . Ghalhekk dawn iz-zewg reati jissussistu indipendentement mill-fatt li eventwalment dawn l-ghasafar jew karkassi gew mizmuma mid-Dwana. Ghalhekk anki dawn l-ahhar zewg sottomissjonijiet mhux gustifikati .

Illi bhala fatt jidher li gie pruvat lill hinn minn kull dubju ragonevoli li l-appellant kien ukoll hati tal-erba imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u din il-Qorti ghalhekk qed tiddikjara lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontra tieghu b’dana li r-raba imputazzjoni hija assorbita fit-tieni w fit-tielet imputazzjoni ;

Illi pero' kif gja gie accennat aktar il-quddiem f'din is-sentenza ghall-fini tal-piena l-multa li kellha tithallas a tenur tal-artikolu 62 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 80 tat-l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-htija taht l-ewwel imputazzjoni kellha tinhadem fuq il-valur tal-erba u sittin (64) ghasfur mhux dikjarati u l-VAT fuqhom dovuta w cioe' fuq valur ta' mitejn lira u sittin centezmu (LM200.60c) bhala valur tal-ghasafar mhux dikjarati (LM420 X 64/134) u tletin lira u tmin centezmi (LM30.08c) bhala l-ammont ta' VAT dovut fuq tali ammont hekk ridott (LM63 X 64/134) . Ergo il-multa pagabbli a tenur tal-artikolu 62 ghall-htija riskontrata mill-Ewwel Qorti fuq l-ewwel imputazzjoni tkun tad-doppju tal-valur tal-ghasafar mhux dikjarati u cioe' LM401.20c (LM200.60c X 2) u LM30.08c VAT , li b' kollox igib ghal total ta' erba mija w wiehed u tletin lira Maltin u tminja w ghoxrin centezmu (LM431.28c).

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi fl-ewwel lok thassar is-sentenza appellata ghaliex ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u a tenur tal-imsemmi artikolu 428 (3) qed tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu w fil-waqt li tiddikjara w ssib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu , b'dan illi r-raba imputazzjoni hija assorbita fit-tieni w fit-tielet imputazzjoni , u wara li rat l-artikoli 60 (k) ,61 u 62 (a) (b) (k) u (m) tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta , l-artikolu 80 ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. XXIII tal-1998) , ir-Regolamenti 12 (3), 16 (a) u 25 (2) (a) tal-Avviz Legali 146 tas-sena 1993 u r-regolamenti 7 (3) u 8 tal-Avviz Legali 19 tas-sena 1992 ,u l-artikoli 17, 23 u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' erba mija u wiehed u tletin lira Maltin u tminja u ghoxrin centezmu (LM431.28c) fuq l-ewwel imputazzjoni, multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) fuq it-tieni imputazzjoni ; multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) fuq it-tielet imputazzjoni ; u multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) fuq il-hames imputazzjoni , b' kollox multa ta' hames mija w wiehed u tmenin lira Maltin u tminja u ghoxrin centezmu (LM581.28c) u tordna l-konfiska tal-ghasafar kollha inkluzi

dawk dikjarati lid-dwana (u dana billi l–importazzjoni taghhom kollha kienet ipprojbita)  u tal-gageg favur il-Gvern ta' Malta w tiskwalifika lill-appellant milli jzomm jew jottjeni licenzji ta' importazzjoni ta' ghasafar ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------